

**KWESTJONARJU LILL-KUMMISSARJU NNOMINAT****Magnus BRUNNER****Affarijiet Interni u Migrazzjoni****1. Kompetenza ġenerali, impenn Ewropew u indipendenza personali**

*Liema aspetti tal-kwalifiki u tal-esperjenza personali tiegħek huma partikolarment rilevanti biex issir Kummissarju u tippromwovi l-interess ġenerali Ewropew, b' mod partikolari fil-qasam li tkun responsabbli minnu? Kif se tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-linji gwida politiċi tal-Kummissjoni? Kif se timplimenta u tintegra l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-oqsma ta' politika kollha tal-portafoll tiegħek? Kif se timplimenta l-integrazzjoni tal-perspettiva taż-żgħażaġh?*

*Liema garanziji ta' indipendenza tista' tagħti lill-Parlament Ewropew, u kif tista' tiżgura li kwalunkwe attività li wettaqt, qed twettaq jew se twettaq ma tkunx tista' tqajjem dubji dwar il-qadi ta' dmirijietek fi ħdan il-Kummissjoni?*

Matul il-karriera kollha tiegħi fil-politika, b' mod partikolari bħala membru tal-Parlament Awstrijak (Bundesrat) u bħala Ministru tal-Finanzi tal-Awstrija, l-oġettiv tiegħi dejjem kien li noħloq rabtiet fost il-gruppi ta' interess, il-komunitajiet tal-partijiet ikkonċernati u l-partiti, sabiex insewgi l-interess komuni taċ-ċittadini tal-Awstrija. Jekk niġi kkonfermat Kummissarju, beħsiebni nqiegħed l-interess ġenerali fil-livell Ewropew. Fil-fehma tiegħi, huwa indispensabbli li nipromwovu l-interess ġenerali u l-valuri Ewropej, b' mod partikolari fl-oqsma tal-migrazzjoni, tal-fruntieri u tas-sigurtà. Se naħdem ħafna biex niżgura li, kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f' dak nazżjonali, is-sistema tagħna (ibbażata fuq il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil) tkun ippreparata sew, ġusta, koerenti u, b' mod ewlieni, kapaċi tispira l-fiduċja kemm taċ-ċittadini kif ukoll tal-gvernijiet.

F'konformità mal-linji gwida politiċi, se nagħmel enfasi qawwija fuq li ngħin biex intejjeb ix-xenarju tas-sigurtà ġenerali tal-Unjoni li fuqu jiddependu s-soċjetajiet tagħna. Bl-istess mod, se naħdem mal-partijiet ikkonċernati kollha involuti fid-dimensjonijiet interni u esterni tal-migrazzjoni. Fil-qasam tal-migrazzjoni, se nsewgi approċċ doppju, li jinvolvi kemm binarji leġiżlattivi kif ukoll binarji operazzjonali, sabiex flimkien inkunu nistgħu nistabbilixxu mod ambizzjuż u ġust kif nimxu 'l quddiem. Se naħdem biex niżgura fruntieri esterni komuni b'saħħithom li jipprovdu sikurezza għaċ-ċittadini Ewropej kif ukoll id-diġitalizzazzjoni tagħhom biex jiġu ffaċilitati n-negozju, it-turiżmu, ix-xogħol u l-istudji. Se naħdem fuq strateġija ta' sigurtà interna għall-UE li tiżgura li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jgawdu l-benefiċċji ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

Nemmen bis-sħiħ fil-Kummissjoni bħala korp kolleġġjali, fejn il-Membri kollha jipparteċipaw fid-dibattiti u jikkontribwixxu b' mod trasparenti għal deċiżjonijiet infurmati tajjeb li huma allinjati mal-aħjar interess taċ-ċittadini Ewropej. Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, se nkun Membru impenjat tal-Kulleġġ b' mod sħiħ u se naħdem mill-qrib ma' Membri oħra tal-Kulleġġ bħala tim, fi spirtu ta' kolleġġjalità, filwaqt li nassumi responsabbiltà sħiħa ta' dak li l-Kummissjoni se taqbel dwaru.

Huwa kruċjali li l-kunsiderazzjonijiet dwar ġeneru u żgħażaġh fil-politiki tal-UE dwar il-migrazzjoni u s-sigurtà jiġu integrati biex jindirizzaw l-isfidi uniċi li jiffaċċjaw dawn il-gruppi. Meta n-nisa u t-tfal ifittxu l-ażil, huwa essenzjali li jiġi żgurati li d-drittijiet tagħhom jiġu osservati u li r-riskji partikolari li jiffaċċjaw jiġu mitigati. Huma jeħtieġu wkoll appoġġ immirat fl-aċċess għall-edukazzjoni, għall-akkomodazzjoni, għall-kura tas-saħħa, u għat-taħriġ professjonali, li jippermettilhom jipparteċipaw bis-sħiħ fis-soċjetajiet tagħna, jekk l-istatus ta' rifuġjat tagħhom jiġi kkonfermat. Beħsiebni nkompli nappoġġa lill-Istati Membri permezz tal-appoġġ immirat meħtieġ f'dan ir-rigward, filwaqt li nisfrutta l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Integrazzjoni u l-Inklużjoni u l-finanzjament tal-UE.

In-nisa u t-tfal jirrappreżentaw il-maġġoranza tal-vittmi ta' diversi reati, inkluż abbuż u sfruttament sesswali u traffikar tal-bnedmin. Meta jisfaw vittmi ta' tali atti faħxija, huma jeħtieġu assistenza u protezzjoni immedjata

minħabba l-vulnerabbiltà akbar tagħhom. Jien impenjat li niżgura li l-leġiżlazzjoni u l-politiki tal-UE jagħtu prijorità lill-perspettivi tan-nisa u t-tfal biex jiggarrantixxu s-sikurezza tagħhom. Fl-istess ħin, huwa essenzjali li dawn il-konsiderazzjonijiet jiġu integrati flimkien għall-prevenzjoni effettiva tal-kriminalità.

Se niżgura l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-kompożizzjoni tal-Kabinet tiegħi, kif ukoll fl-oqsma kollha tar-responsabbiltà tiegħi. Fil-fatt, għandi rekord sod f'dan ir-rigward: matul il-mandat tiegħi bħala Ministru tal-Finanzi, il-livell ta' maniġment superjuri tal-Ministeru ("Sektionschef") laħaq il-bilanċ bejn il-ġeneri għall-ewwel darba fl-istorja tiegħu ta' 170 sena.

Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, se nosserva bis-sħiħ l-obbligu li naġixxi fl-interess Ewropew, u mingħajr ma nieħu struzzjonijiet, kif stabbilit fit-Trattati. Nimpenja ruħi li nevlta kwalunkwe sitwazzjoni fejn l-indipendenza jew l-imparzjalità tiegħi għall-Kummissjoni jistgħu jiġu kkontestati. Se nonora l-Kodiċi ta' Kondotta tal-Membri tal-Kummissjoni Ewropea u d-dispożizzjonijiet tiegħu dwar il-kunflitt ta' interess. Id-Dikjarazzjoni tal-Interessi tiegħi hija kompluta, u nimpenja ruħi li naġgornaha jekk u meta jkun meħtieġ. Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, jien u l-membri tal-Kabinet tiegħi se niltaqgħu biss mal-partijiet interessati u mar-rappreżentanti tal-partijiet ikkonċernati rreġistrati fir-Reġistru tat-Trasparenza.

## **2. Ġestjoni tal-portafoll u kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew**

*Tista' timpenja ruħek li tinforma kif xieraq lill-Parlament bl-azzjonijiet tiegħek u b'dawk tas-servizzi tiegħek? F'liema rigward tqis li għandek obbligu ta' rendikont fil-konfront tal-Parlament?*

*Liema impenji speċifiċi lest li tiegħu fir-rigward tal-involviment u tal-preżenza tiegħek fil-Parlament, kemm f'livell ta' kumitat kif ukoll fil-plenarja, it-trasparenza, il-kooperazzjoni u s-segwitu effettiv mogħti lill-pożizzjonijiet tal-Parlament u lit-talbiet tiegħu għal inizjattivi leġiżlattivi? B'rabta mal-inizjattivi ppjanati jew il-proċeduri attwali, lest tippovdi lill-Parlament l-informazzjoni u d-dokumenti f'waqthom lill-Parlament l-istess bħalma tagħmel mal-Kunsill?*

Nemmen li jeħtieġ li d-djalogi tagħna jkunu kemm regolari kif ukoll strateġiċi, u li jkunu jkopru l-prijoritajiet u s-sitwazzjoni attwali fl-oqsma koperti mill-portafoll tiegħi. Ninsab konvint li dan se jkun mument utli għalina biex nagħtu rendikont politiku, kemm għall-Membri tal-Parlament Ewropew kif ukoll għalija stess; u m'għandi l-ebda dubju li se jiffaċċaw ideat ġodda u proposti kostruttivi. Kif stabbilit fil-Linji Gwida Poliċi tal-President elett, għandu jkun hemm skambju dwar kwistjonijiet ta' implimentazzjoni: il-Patt joffri l-opportunità biex jinstabu modi ġodda kif l-UE u l-Istati Membri jistgħu jaħdmu flimkien biex iwasslu r-riżultati, u l-appoġġ tal-Parlament Ewropew jista' jkollu rwol essenzjali biex dan jiffunzjona tajjeb.

Billi kont Membru tal-Parlament f'pajjiżi stess, napprezza bis-sħiħ ir-rwol tal-Parlament bħala rappreżentant ta' -ċittadini Ewropej, u nixtieq ikollu djalogu politiku miftuħ u kontinwu magħkom fil-livelli kollha. Beħsiebni nipparteċipa fis-sessjonijiet plenarji kollha fejn jiġu diskussi s-suġġetti li jaqgħu fir-responsabbiltà tiegħi, u nwieġeb, sa fejn ikun possibbli, għas-sejħiet tiegħek għall-iskambju ta' fehmiet dwar kwistjonijiet ta' importanza kbira.

F'dawn l-aħħar ġimgħat, diġà kelli l-opportunità li niltaq' ma' għadd ta' Membri tal-Parlament Ewropew individwalment, inkluż il-President tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, li miegħu beħsiebni nistabbilixxi kanal ta' komunikazzjoni regolari u miftuħ. Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, beħsiebni nuża din il-prattika tiegħi bħala referenza u nagħmel l-almu tiegħi biex niżgura li t-tweġibiet għall-mistoqsijiet mill-Membri tal-Parlament Ewropew lill-Kummissjoni li jkunu fir-responsabbiltà tiegħi jingħataw fil-perjodu ta' żmien miftiehem.

F'Lulju, il-President elett von der Leyen ħadet impenn quddiemkom li l-politiki tagħna għandhom jinħassu f'livell lokali, bil-preżenza tagħna fost iċ-ċittadini Ewropej, l-aspirazzjonijiet tagħhom u t-tħassib tagħhom ta' kuljum. Jien impenjat li nagħmel proprju dan, inkluż li nżur proġetti li fihom azzjoni Ewropea qed tgħin liċ-ċittadini tagħna jħossuhom sikuri, il-ġestjoni tal-migrazzjoni tippovdi valur miżjud tal-UE jew it-tagħmir ifffinanzjat mill-UE jgħin biex jiproteġi l-fruntieri tagħna u jiffaċilita l-ivvjaġġar leġittimu. Irrid niltaq' ma' iċ-ċittadini u l-awtoritajiet li qed jiffaċċjaw sfidi diretti relatati mal-politiki li se naħdem fuqhom.

Fir-rigward tal-kwistjoni fundamentali tat-trasparenza, il-Kummissjoni stabbiliet haġna għodod biex taqsam l-informazzjoni fil-qasam tal-Affarijiet Interni mal-Parlament Ewropew, lil hinn mill-mekkaniżmi regolari ta' sorveljanza. Hawnhekk qed naħseb dwar ir-rapporti li jikkonċernaw iċ-ċifri ta' ritorni u ta' riammissjoni li jiġu pprovduti darbejn fis-sena lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, jew il-partiċipazzjoni ta'

rappreżentant tal-Parlament Ewropew fil-Bord tat-Tmexxija tal-Frontex, u l-Grupp ta' Skrutinju Parlamentari Konġunt (Joint Parliamentary Scrutiny Group, JPSG) tal-Europol. Il-Kummissjoni se tinfirmak b'mod regolari dwar l-implimentazzjoni tal-Patt għall-Migrazzjoni u l-Ażil u sussegwentement bir-rapport Annwali tagħha dwar l-Ażil u l-Migrazzjoni. Se nħejju wkoll Rapport ta' Progress Annwali dwar l-Infurzar u l-Implimentazzjoni. Ninsab konvint li dan ir-rapportar se jkompli jsaħħaħ it-trasparenza u r-responsabbiltà tal-azzjoni eżekuttiva tagħna.

Fir-rigward tad-dimensjoni esterna tal-migrazzjoni b'mod aktar speċifiku, se nfttex li nżid il-livell ta' trasparenza u ta' viżibbiltà tal-informazzjoni li tirċievi, u li nipproponi li s-servizzi tiegħi jinfirmawk dwar il-missjonijiet esterni mwettqa, l-eżiti tagħhom u l-passi li jmiss.

Ninsab impenjat li nosserva l-prattika li ilha teżisti tal-Kummissjoni li tipprovi tweġibiet bil-miktub għar-riżoluzzjonijiet tal-Parlament fi żmien tliet xhur. Kif mitlub mill-President elett von der Leyen, se norganizza djalogu strutturat mal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern biex inwitti t-triq għal kwalunkwe Riżoluzzjoni tal-Artikolu 225 adottata mill-Parlament li titlob proposti leġiżlattivi, u l-istess bħall-President elett von der Leyen, nappoġġa d-dritt ta' inizjattiva tal-Parlament.

Fl-aħħar nett, bħala eks Membru ta' Parlament nazzjonali, nagħti importanza lill-prinċipju ta' trattament ugwali tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għal laqgħat, bħal konferenzi, sessjonijiet ta' ħidma u laqgħat ta' livell għoli; iżda bl-istess mod, fejn jirrigwarda l-għoti ta' kontribuzzjonijiet jew informazzjoni oħra, inkluż kwistjonijiet leġiżlattivi u baġitarji. Ninsab impenjat li nosserva l-prinċipju tal-ugwaljanza, b'mod partikolari fil-konfront ta' avvenimenti maġġuri.

### Mistoqsijiet mill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

#### **3. Il-Migrazzjoni u l-Ażil**

*Il-Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil jintroduċi qafas leġiżlattiv li jistabbilixxi sistema komprensiva fl-oqsma tal-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni, li joħloq bilanċ bejn is-solidarjetà u l-kondiviżjoni ekwa tar-responsabbiltà f'konformità mal-Artikolu 80 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, filwaqt li jsaħħaħ il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri.*

*Kif se timmonitorja l-progress f'waqtu tal-passi amministrattivi, operazzjonali u legali meħtieġa li l-Istati Membri u l-aġenziji tal-UE jeħtieġ jieħdu għad-dħul fis-seħħ sħiħ tal-Patt sas-sajf tal-2026, u kif se tindirizza kwalunkwe dewmien fl-ilhūq tal-parametri referenzjarji tal-Pjan ta' Implimentazzjoni Komuni? X'passi qed tippjana li tieħu biex tiżgura finanzjament tal-UE suffiċjenti u f'waqtu għall-Istati Membri u l-aġenziji għall-applikazzjoni bla xkiel tal-Patt? Minħabba li data preċiża mill-Istati Membri lill-aġenziji tal-UE u lill-Kummissjoni hija vitali biex jiġu identifikati t-tnejjija u l-ħtiġijiet attwali ta' kull Stat Membru biex ikun jista' jimmaniġġja sitwazzjoni ta' pressjoni jew kriżi migratorja, x'azzjonijiet se tieħu biex trawwem kultura ta' kondiviżjoni tad-data u fiduċja reċiproka?*

*Il-ħidma mal-Istati Membri għal koordinazzjoni aktar b'saħħitha tal-operazzjonijiet ta' salvataġġ hija wkoll parti mill-ittra ta' missjoni tiegħek. Kif tħares lejn ir-rwol tiegħek u dak tal-UE f'dan il-qasam?*

*Skont l-ittra ta' missjoni tiegħek għandek tkun qed tiżviluppa approċċ komuni ġdid għar-ritorn ta' migranti li jkunu qegħdin fil-pajjiż b'mod irregolari abbażi ta' regoli moderni; x'passi leġiżlattivi beħsiebek tieħu? Xi rwol tqis li jaqdu d-deċiżjonijiet ta' ritorn rikonoxxuti b'mod reċiproku f'dan il-kuntest, u kif se ssaħħaħ il-politiki ta' riammissjoni biex tiżgura ritorni effettivi? Kif se tiżgura li l-kwistjonijiet tal-migrazzjoni jkunu parti operazzjonali mis-sħubijiet komprensivi tagħna ma' pajjiżi terzi u fl-istess ħin jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali u kif se tinvolvi lill-Parlament u tiżgura li jkun jista' jeżerċita sorveljanza effettiva u l-prerogattivi baġitarji tiegħu? X'tifhem b'“soluzzjonijiet operazzjonali innovattivi biex tiġi miġġielda l-migrazzjoni irregolari” li l-ittra ta' missjoni tiegħek titolbok tirrifletti dwarhom? X'passi qed tippjana li tieħu fil-ġlieda kontra l-persuni li jiffaċilitaw id-dħul klandestin tal-migranti u t-traffikanti tal-bnedmin?*

*Approċċ komuni tal-UE dwar il-migrazzjoni li jirnexxi jeħtieġ li jiġi kkomplementat minn perkorsi legali sikuri u vijabbli, u dan jinkludi r-risistemazzjoni għar-refuġjati u l-integrazzjoni b'suċċess tagħhom fil-komunitajiet u fis-swieq tax-xogħol. X'passi se tieħu biex tiżgura li l-Istati Membri jipparteċipaw bis-sħiħ u b'mod sinifikanti fil-Qafas Ewropew għar-Risistemazzjoni?*

*Fir-rigward tal-migrazzjoni legali, l-ittra ta' missjoni tiegħek tiddikjara li se taħdem fuq kif tattira ċittadini ta' pajjiżi terzi bil-ħiliet it-tajba biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol lokali fl-UE; x'passi se tieħu biex tappoġġa lill-koleġiżlaturi f'ħidmiethom biex jistabbilixxu Riżerva ta' Talent tal-UE, biex jippromwovu miżuri li jissimplifikaw ir-rikonoxximent tal-kwalifiki barranin, u biex jiffinalizzaw in-negozjati għad-Direttiva dwar ir-Residenti fit-Tul? X'passi oħra, leġiżlattivi jew mhux leġiżlattivi, qed tippjana li tieħu f'dan il-qasam?*

Jekk niġi kkonfermat mill-Parlament Ewropew, se nixħet l-attenzjoni tiegħi fuq li nwettag l-elementi kollha tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, b'mod f'waqt u komplut. Beħsiebni nimmonitorja b'mod rigoruż l-implimentazzjoni tal-Patt, f'konformità mal-Pjan ta' Implimentazzjoni Komuni, biex niżgura li sa nofs l-2026 l-Istati Membri u l-Aġenziji rilevanti tal-UE jieħdu l-passi kollha meħtieġa għad-dħul fis-seħħ sħiħ tal-Patt. Se nkun lest ukoll li naħdem biex inħaffef l-implimentazzjoni filwaqt li niżgura approċċ ibbilanċjat bejn ir-responsabbiltà u s-solidarjetà kif ukoll bejn id-dimensjoni interna u esterna tal-Patt. Il-Patt huwa eżempju ta' kif l-UE u l-Istati Membri jistgħu jaħdmu flimkien mill-qrib biex iwettqu leġislazzjoni estensiva u kumplessa: beħsiebni nkun f'kuntatt mill-qrib mal-Istati Membri, permezz ta' laqgħat u żjarat bilaterali regolari, biex nappoġġa l-kuntatti fil-livell tekniku u operazzjonali. Minbarra d-djalogi u l-iskambji regolari tagħna, b'mod regolari kull semestru se nipprovdni informazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni attwali. Beħsiebni nuża l-Pjattaforma ta' Koordinazzjoni tal-Patt li qed tiġi stabbilita mill-Kummissjoni biex tissorvelja l-attivitatiet u tiżgura kooperazzjoni adegwata fil-livelli tal-UE u nazzjonali. L-Istati Membri se jirċievu appoġġ immirat u mfassal apposta biex jiżguraw il-koerenza fil-livell tal-UE, u assistenza mill-Aġenziji rilevanti tal-UE.

L-appoġġ għall-Istati Membri jrid jinkludi għajjnuna bil-kapaċità finanzjarja meħtieġa biex jintlaħqu l-impenji legali skont il-Patt fil-prattika. L-awtorità baġitarja rrikonossiet dawn il-ħtiġijiet permezz ta' finanzjament addizzjonali, b'EUR 1,8 biljun disponibbli taħt ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) u EUR 1,6 biljun li jirriżultaw mir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Fondi għall-Affarijiet Interni u l-programmi nazzjonali taħt dawn l-istrumenti. Il-finanzjament tal-UE se jikkontribwixxi biex jindirizza l-ħtiġijiet identifikati mill-Istati Membri fil-Pjanijiet ta' Implimentazzjoni Nazzjonali tagħhom. Madankollu, il-finanzjament għadu limitat u mhux se jkun jista' jkopri l-ispejjeż kollha, meta jitqies li huwa meħtieġ ukoll biex jappoġġa lill-Istati Membri bir-refuġjati Ukreni u għalhekk għandu jiġi allokat fejn jista' jwassal għall-aktar valur miżjud għall-implimentazzjoni tal-Patt.

Jekk niġi kkonfermat, se nrawwem il-fiduċja reċiproka u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni. Se mmexxi mill-qrib, bħala parti ewlenija mill-implimentazzjoni tal-Patt, iċ-ċiklu annwali tal-ġestjoni tal-migrazzjoni, permezz tal-ewwel Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni. Sabiex jitfa' dawl preċiż fuq is-sitwazzjoni migratorja fl-UE, ir-Rapport irid ikun ibbażat fuq *data* affidabbli, ta' kwalità u f'waqtha pprovduta mill-Istati Membri, skont l-obbligi ta' rapportar tagħhom. Matul il-mandat tiegħi, beħsiebni nipromwovi aktar ir-rwol tan-*Network* tal-Blueprint u nħeġġeġ il-kondiviżjoni miftuħa u l-parteċipazzjoni attiva mill-Aġenziji tal-UE u mill-Istati Membri. L-implimentazzjoni f'waqtha tal-Eurodac il-ġdida hija kruċjali. Nappoġġa l-introduzzjoni u l-użu sħiħ tal-qafas tal-interoperabbiltà u tal-Eurodac il-ġdid biex jiġu ffaċilitati l-għbir u l-kondiviżjoni effiċjenti tad-*data* dwar il-migrazzjoni, filwaqt li jiġu żgurati kemm is-sorveljanza fl-UE kollha kif ukoll l-użu operazzjonali ta' kuljum mill-Istati Membri. Se nipromwovi wkoll kultura ta' preparatezza, kooperazzjoni u reżiljenza, billi nappoġġa lill-Istati Membri fir-responsabbiltajiet il-ġodda tagħhom biex jistabbilixxu ppjanar ta' kontinġenza dwar l-aspetti kollha tal-ġestjoni tal-migrazzjoni.

L-UE teħtieġ sett modern ta' regoli biex tħaffef u tissimplifika r-ritorn ta' persuni mingħajr dritt li jibqgħu fl-UE. Billi l-proposta tal-2018 għadu ma sarx qbil dwarha, u f'konformità mal-Linji Gwida Politiċi, beħsiebni naħdem b'mod urġenti fuq approċċ komuni ġdid dwar ir-ritorni. Dan ifisser li se jkun hemm proposta ġdida għal leġislazzjoni, biex jitħaffu u jiġu ssimplifikati r-ritorni, jiġu definiti obbligi ċari ta' kooperazzjoni għall-persuna rimpatrijata, jiġi ssimplifikat b'mod effettiv il-proċess, tiġi diġitalizzata l-ġestjoni tal-każijiet u jiġi previst ir-rikonossiment reċiproku tad-deċiżjonijiet ta' ritorn ta' xulxin.

Barra minn hekk, f'kooperazzjoni mill-qrib mar-Rappreżentant Għoli/Viċi President u Kummissarji oħra, se naħdem fil-livell tal-UE u mal-Istati Membri biex nuża l-għodod u l-politiki kollha disponibbli, inklużi d-diplomazija, il-viża, il-kummerċ u l-iżvilupp, biex inrawwem il-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni mal-pajjiżi terzi. Hemm bżonn li l-politiki tagħna jiġu ingranati sabiex jiġi żgurat li l-pajjiżi jaċċettaw li jieħdu lura ċ-ċittadini tagħhom stess. B'mod parallel, huwa essenzjali li jiġu offruti perkorsi legali u opportunitajiet ta' risistemazzjoni għal dawk li jeħtieġu protezzjoni, u dawn jistgħu jaġixxu bħala inċentivi biex titjeb il-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni.

Din il-kombinazzjoni tfisser approċċ ġust, uman u komprensiv għall-migrazzjoni li jkun ta' benefiċċju kemm għall-Ewropa kif ukoll għas-sħab tagħna.

Id-dimensjoni esterna tal-migrazzjoni hija pedament tas-sistema Ewropea ta' ġestjoni tal-fruntieri u tal-migrazzjoni. Il-migrazzjoni hija kumplessa u spiss tibda bogħod mill-fruntieri tagħna. Biex tiġi ġestita b'mod effettiv u uman, irridu nikkunsidraw il-vjaġġ kollu tal-migranti, billi nimplementaw approċċ ta' "rotta sħiħa" – mill-pajjiż ta' oriġini, għall-pajjiż ta' tranżitu, sad-destinazzjoni – filwaqt li nosservaw is-sovraniżmu nazzjonali, il-valuri u l-qafas legali tal-UE, id-drittijiet fundamentali u l-obbligi internazzjonali. Dawn ir-rekwiżiti se jibqgħu

ċentrali għall-isforzi kollha ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, inkluż fis-sħubijiet komprensivi kollha. Jekk niġi kkonfermat, se naħdem mill-qrib mal-Kummissarju għall-Mediterran inkluż dwar il-Patt il-ġdid għall-Mediterran, u mal-Kummissarju għas-Sħubijiet Internazzjonali. Filwaqt li jibnu fuq il-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni konklużi mal-pajjiżi sħab tagħna, is-sħubijiet strateġiċi u komprensivi għadhom strumenti mhux vinkolanti. Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, ninsab impenjat li nipprovi lill-Parlament bl-informazzjoni meħtieġa dwar aspetti relatati mal-migrazzjoni, inklużi diskussjonijiet bikrija u skambji ta' fehmiet, biex ikun jista' jeżerċita s-sorveljanza demokratika tiegħu f'diversi stadji tal-proċess. Nibqa' impenjat bis-sħiħ li nipprovi l-informazzjoni meħtieġa dwar kwalunkwe arranġament bħal dan u li ninvolvi ruħi magħkom dwar l-inizjattivi tagħna.

Kif ġie enfasizzat fil-Linji Gwida Poliċi, il-faċilitaturi ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikanti tal-bnedmin ma jistgħux ikunu dawk li jiddeċiedu min jiġi l-Ewropa u taħt liema ċirkostanzi. Għalhekk, beħsiebni nmexxi 'l quddiem l-Alleanza Globali biex niġġieldu kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u niżviluppaw sħubijiet operazzjonali ġodda ma' pajjiżi ewlenin ta' tranżitu u ta' oriġini, inklużi pajjiżi ġirien. Jekk niġi kkonfermat, se nsaħħaħ ukoll il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, permezz ta' approċċ komprensiv li jinkludi l-prevenzjoni u l-protezzjoni tal-vittmi minn kull forma ta' sfruttament. Se naħdem fuq informazzjoni mmirata u s-sensibilizzazzjoni sabiex in-nies ma jpoġġux haġġithom f'idejn traffikanti bla skrupli u jaħsbu darbtejn qabel ma jagħmlu vjaġġi perikolużi. Għal dan il-għan, se naħdem mill-qrib mal-koleġiżlaturi biex nagħti prijorità lill-konklużjoni tan-negozjati dwar il-leġiżlazzjoni l-ġdida kontra l-kuntrabandu. L-Europol, għalhekk, se jkollha rwol imsaħħaħ f'dan il-qasam, peress li neħtieġu qafas legali modern biex ninvestigaw u nħarrku l-kriminali li jimminaw is-sigurtà tal-fruntieri tagħna u japproffittaw mill-migranti f'sitwazzjonijiet vulnerabbli. It-traffikar tal-bnedmin u l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti jista' jkollhom rabta mal-isfruttament tal-ħaddiema, inkluż ta' dawk bi status irregolari. Se naħdem mal-Istati Membri biex inżid l-infurzar tad-dritt rilevanti tal-UE, nirrieżamina l-implimentazzjoni tiegħu, u nivvaluta l-ħtieġa għal inizjattivi ġodda possibbli.

Fl-istess ħin, beħsiebni nkompli r-riflessjoni dwar it-tnaqqis tal-inċentivi għall-migrazzjoni irregolari. Jekk niġi kkonfermat, se nesplora aktar ideat li jistgħu jikkomplementaw u jappoġġaw il-ħidma tagħna dwar il-Patt, inkluż dwar ir-ritorni, kif ukoll dwar l-approċċ ibbażat fuq ir-rotot li qed jiġi żviluppat mill-UNHCR u l-IOM, u dwar l-applikazzjoni tal-kunċett ta' pajjiż terz sikur. Ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil jipprevedi rieżami ta' dan il-kunċett sa nofs l-2025, li biħsiebni nħejji lill-partijiet ikkonċernati kollha.

L-iżvilupp ta' rotot sikuri u legali se jgħin biex jiġu evitati vjaġġi perikolużi u irregolari. Għandi l-għan li nżid l-isforzi ta' risistemazzjoni u ammissjoni umanitarja tal-UE u nsaħħaħ is-sħubijiet tal-Unjoni ma' pajjiżi terzi li jospitaw popolazzjonijiet kbar ta' refuġjati. L-objettiv tiegħi jkun li nuża l-potenzjal sħiħ tar-Regolament Qafas dwar ir-Risistemazzjoni u l-Ammissjoni Umanitarja li għadu kif ġie adottat. Dan jinkludi għodod ġodda, li jinvolvu kemm lill-Parlament Ewropew kif ukoll lill-Istati Membri, biex jiżiedu l-isforzi ta' risistemazzjoni matul is-snin li ġejjin.

Se naħdem fuq il-konsolidazzjoni u l-espansjoni tal-inizjattiva tas-Sħubija ta' Talent bħala parti mill-approċċ komprensiv għall-ġestjoni tal-migrazzjoni, u bil-ħsieb li jiġu attirati l-ħiliet li jeħtieġu s-suq tax-xogħol tal-UE. Il-migrazzjoni legali tibqa' komponent kritiku tar-rispons tagħna għan-nuqqas ta' ħaddiema f'setturi u f'okkupazzjonijiet magħżula u għall-isfidi demografiċi. Bil-ħsieb li nikkontribwixxi għall-Unjoni tal-ħiliet, se naħdem mill-qrib mal-Viċi President Eżekuttiv għan-Nies, il-ħiliet u l-Preparatezza biex nappoġġa l-ħidma tal-koleġiżlaturi fuq ir-Riżerva ta' Talent tal-UE, u, wara dan, nappoġġa l-implimentazzjoni rapida tagħha, biex niffaċilita r-reklutaġġ internazzjonali b'mod partikolari f'setturi u l-okkupazzjonijiet magħżula fejn ġew identifikati nuqqasijiet ta' ħaddiema. Se naħdem ukoll mill-qrib mal-Viċi President Eżekuttiv biex ngħinu nattiraw it-talent it-tajjeb lejn l-Ewropa, u dwar miżuri li jiffaċilitaw ir-rikonossiment tal-kwalifiki u l-ħiliet ta' ċittadini mhux tal-UE u l-mobbiltà tagħhom lejn l-UE. Barra minn hekk, inħeġġeġ il-konklużjoni rapida tan-negozjati dwar ir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Residenti fit-Tul, biex tiġi ffaċilitata ż-żamma tat-talent u tal-ħiliet u tittejjeb l-integrazzjoni tal-migranti li diġà jgħixu fl-UE. Beħsiebni wkoll immexxi 'l quddiem l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Integrazzjoni u l-Inklużjoni għall-2021-2027, u nipproponi strateġija ta' segwitu għall-integrazzjoni fi ħdan il-komunitajiet u s-suq tax-xogħol.

Kull haġja mitlufa fil-baħar hija traġedja. L-assistenza lil persuni f'diffikultà fuq il-baħar hija obbligu internazzjonali tal-Istati Membri u ta' kwalunkwe bastiment li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru, irrispettivament miċ-ċirkostanzi. Filwaqt li r-responsabbiltà legali biex jinbdeu u jiġu ssorveljati l-operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ hija taċ-ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni responsabbli, il-Kummissjoni kellha r-rwol ta' intermedjarju onest biex tinbena l-fiduċja fost l-Istati Membri. Jekk niġi kkonfermat, se nżomm ma' din il-pożizzjoni, u se naħdem mal-Istati Membri biex niżgura koordinazzjoni aktar b'saħħitha tal-operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, inkluż ma' pajjiżi terzi ġirien. Se nibni fuq il-Grupp ta' Kuntatt Ewropew dwar it-Tiftix u s-Salvataġġ, bħala pjattaforma li tippermetti skambju strutturat, u se nsegwi djalogu ma' partijiet ikkonċernati oħra, inkluża s-soċjetà

ċivili. Beħsiebni wkoll naħdem mal-Frontex, li kkontribwiet dejjem aktar biex jiġu salvati l-ħajjiet fuq il-baħar, biex jiġi żgurat li l-Istati Membri jirċievu l-appoġġ li jeħtieġu fit-tweġitq tar-responsabbiltajiet ta' salvataġġ tagħhom, inkluż permezz ta' kapaċitajiet ta' sorveljanza adegwati.

Impenjat li nwettaq b'mod effettiv ir-regoli tagħna dwar il-migrazzjoni. Id-djalogi annwali dwar l-implimentazzjoni se jkunu opportunità biex jiġu identifikati l-ostakli potenzjali għall-implimentazzjoni, iżda wkoll soluzzjonijiet possibbli. Nistenna bil-ħerqa li niddiskuti r-riżultati ta' dawn id-djalogi fil-Parlament Ewropew u li naħdem flimkien fuq implimentazzjoni effettiva. Il-Patt juri kif il-kooperazzjoni strutturata għandha tkun l-aħjar triq biex jiġi żgurat it-tweġitq: iżda nissottolinja wkoll li meta nsibu li l-implimentazzjoni xierqa tad-dritt tal-UE tiġi ostakolata b'mod sistematiku, mhux se noqgħod lura milli nipproponi proċeduri ta' ksur.

#### 4. Il-Fruntieri esterni

*Il-President tal-Kummissjoni von der Leyen, bil-għan li tagħmel il-fruntieri esterni aktar siguri u ssaħħaħ il-Frontex, għandha l-intenzjoni li tittripla l-għadd ta' gwardji Ewropej tal-Fruntiera u tal-Kosta, biex b'hekk isir Korp Permanenti ta' 30,000. Inti tkun responsabbli biex tissorvelja dan il-proċess u biex tippromwovi l-ġestjoni integrata tal-fruntieri. Kif tivvaluta l-impatt li l-Frontex tingħata dawk ir-riżorsi addizzjonali fuq it-tiħiħ tal-kapaċità tal-UE li tindirizza t-tħdid attwali u emerġenti fil-fruntieri esterni tagħha? X'bidliet fil-mandat tal-Frontex, jekk huwa l-każ, tqis li huma meħtieġa biex jakkumpanjaw it-tkabbir ipplanat tal-aġenzija, filwaqt li tinżamm ir-responsabbiltà tagħha lejn il-Parlament?*

*X'kontromiżuri u passi qed tippjana li tieħu, b'ħidma mill-qrib mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati biex tħejji u ttrispjoni għal attacchi ibridi u l-istrumentalizzazzjoni tal-migranti fil-fruntieri esterni tal-UE?*

*Kif tipprevedi li tosserva l-użu tat-teknoloġiji f'konformità mal-leġiżlazzjoni primarja u l-Att dwar l-IA fil-kuntest tal-ġestjoni diġitali Ewropea tal-fruntieri? X'passi se tieħu biex tevita aktar dewmien f'dak li jirrigwarda l-bidu tal-operat tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ u tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvaġġar u l-implimentazzjoni tar-riforma ġenerali tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE għall-fruntieri, is-sigurtà u l-migrazzjoni?*

*Fil-fehma tiegħek, liema miżuri għandhom ikunu parti mill-istrateġija mħabbra għall-politika dwar il-viżi? F'dan il-kuntest, x'inizjattivi tipprevedi sabiex tiggarrantixxi li l-ivvaġġar mingħajr viża lejn l-UE ma jiġix abbużat, inkluż minn pajjiżi terzi mingħajr viża li joperaw skemi ta' ċittadinanza b'investment, u biex tippreżerva l-benefiċċji soċjali u ekonomiċi tal-ivvaġġar mingħajr viża? Lest li taġixxi kontra r-riskji tal-hekk imsejħa programmi ta' "viża tad-deheb" adottati minn xi Stati Membri, kif mitlub mill-Parlament Ewropew?*

Il-Frontex tat riżultati importanti dwar il-ġestjoni tal-fruntieri u għandha rwol ewlieni u dejjem akbar, filwaqt li l-Istati Membri jżommu r-responsabbiltà primarja għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni. Il-proposta mħabbra fil-Linji Gwida Politiċi biex in-numru tal-Korp Permanenti jiġi triplikat għal 30 000 se jkollha impatt pożittiv fuq il-kapaċitajiet futuri tal-Aġenzija. Dan jista' jwassal, pereżempju, għal mandat imsaħħaħ tal-Frontex fl-appoġġ lill-Istati Membri dwar ir-ritorni, għal rwol aktar ambizzjuż tal-Frontex f'pajjiżi terzi, kif ukoll għal rispons aktar b'saħħtu u aktar aġli min-naħa tal-Frontex għat-tħdid ibridu fil-fruntieri tal-UE.

Tali tiħiħ se jirrikjedi bidla leġiżlattiva permezz ta' emenda tar-Regolament dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta. Jekk niġi kkonfermat, se nqis l-għażliet kollha disponibbli, b'valutazzjoni bir-reqqa tal-tiħiġijiet, l-impatti, l-implikazzjonijiet għall-partijiet ikkonċernati differenti kif ukoll l-ispejjeż involuti f'emenda bħal din. Se naħdem mill-qrib mal-Istati Membri biex neżamina l-kapaċità tagħhom li jikkontribwixxu biex jintlaħaq dan l-oġġettiv. Ninsab impenjat li naħdem mill-qrib mal-Parlament Ewropew u li naġġornakom regolarment dwar il-progress tat-tħejjiġijiet u li ninvolvi ruħi mill-qrib magħkom fil-proċedura leġiżlattiva. It-tiħiħ tal-Frontex jeħtieġ ukoll li jingħata riżorsi tajbin u dan jeħtieġ li jitqies fir-riflessjonijiet dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss.

Atturi statali ostili, bħar-Russja u l-Belarużja, jisfruttaw mhux biss lin-nies iddisprati iżda wkoll il-qafas legali tagħna. Inqis l-istrumentalizzazzjoni tal-migranti bħala attack ibridu fil-fruntieri esterni tal-UE. Jekk niġi kkonfermat, se nibqa' sod flimkien mal-Istati Membri li qed jiffaċċjaw dan it-tħdid potenzjali għas-sigurtà u l-integrità territorjali. F'kooperazzjoni mill-qrib mal-Viċi President Eżekuttiv għas-Sovranità, is-Sigurtà u d-Demokrazija tat-Teknoloġija, se naħdem biex niżgura li l-Istati Membri li jiffaċċjaw sitwazzjoni fejn Stat ostili jkun qed jeżerċita pressjoni fil-fruntieri esterni jkollhom l-għodod it-tajba biex jirrispondu b'mod effettiv. F'dan il-kuntest, se nara kif it-tweġibiet miġjuba mill-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen u mir-Regolament dwar il-Kriżijiet u l-force majeure jistgħu jiġu kkomplementati aktar, u kif flimkien mar-Rappreżentant Għoli/Viċi President, nesplora l-mezzi kollha possibbli biex tiġi indirizzata din l-isfida fir-relazzjonijiet esterni tagħna. Għandna d-dmir li niproteġu l-integrità territorjali kif ukoll is-sigurtà tal-Unjoni tagħna, u dik taċ-ċittadini tagħna.

L-UE qed tibni waħda mill-aktar sistemi avvanzati ta' ġestjoni tal-fruntieri fid-dinja. Iż-żona diġitali Schengen se ttejjeb il-fiduċja bejn l-Istati Membri, iżżid is-sigurtà fil-fruntieri esterni, u tiffaċilita l-ivvjaġġar leġittimu lejn l-UE. Jekk niġi kkonfermat, ninsab impenjat li nagħmel id-diġitalizzazzjoni ta' Schengen realtà. Se naħdem fuq l-implimentazzjoni tad-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri tal-viża, biex tiġi stabbilita pjattaforma komuni tal-UE għall-applikazzjoni għal viża u biex tiġi introdotta l-viża diġitali. Se nappoġġa lill-koleġiżlaturi fin-negozjati biex jintlaħaq malajr ftehim dwar il-pakkett leġiżlattiv propost reċentement dwar id-diġitalizzazzjoni tad-dokumenti tal-ivvjaġġar. L-ivvjaġġar bla xkiel, sikur u mingħajr periklu fiż-żona diġitali Schengen ifisser ukoll li l-arkitettura tal-interoperabbiltà ssir kompletament operazzjonali. Għalhekk, nistinka biex is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar jibdew joperaw malajr kemm jista' jkun, inkluż b'approċċ f'żewġ fażijiet, u biex is-sistemi tal-IT fuq skala kbira kollha jsiru interoperabbli, biex jissaħħu s-sigurtà u l-effiċjenza tal-qsim tal-fruntieri. Nifhem li diġà saru thejjiġiet enormi u konxju mill-isfidi relatati mal-bidu tal-operazzjonijiet ta' tali sistemi avvanzati u kumplessi. Impenjat li naħdem mill-qrib mal-partijiet kollha involuti, b'mod partikolari mal-eu-LISA u mal-Istati Membri, biex insib triq 'il quddiem sigura, pragmatika u ta' suċċess malajr kemm jista' jkun.

Iż-żona Schengen u l-ġestjoni tal-fruntieri se jkomplu jiġu affettwati mill-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda u intelliġenza artifiċjali. Is-sorveljanza tal-fruntieri nbidlet b'mod konsiderevoli bid-droni, l-ajruplani, is-satelliti u s-sensuri avvanzati, kif ukoll il-verifiki fil-fruntieri bl-arkitettura tal-IT interoperabbli l-ġdida li tintroduċi skambju ta' *data* bla xkiel u ħafna aktar rapidu fil-qafas ta' diversi sistemi ta' informazzjoni ta' Schengen jew tal-UE. It-teknoloġija, bħall-ġhodod l-oħra kollha, għandha tiġi implimentata f'konformità stretta mal-qafas legali u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. Jien impenjat li niżgura li t-teknoloġija u l-innovazzjoni għall-ġestjoni tal-fruntieri jintużaw b'mod proporzjonat u effettiv, f'konformità sħiħa mal-leġiżlazzjoni tal-UE, id-drittijiet fundamentali u l-valuri Ewropej. Eżempju ta' dan huwa l-Att dwar l-IA, li jstabbilixxi l-qafas legali għall-użu affidabbli ta' dawn it-teknoloġiji. Se nikkoopera mill-qrib mal-Viċi President Eżekuttiv għas-Sovranità, is-Sigurtà u d-Demokrazija tat-Teknoloġija biex niżgura li l-awtoritajiet responsabbli jkunu involuti fl-iżvilupp ta' gwida dwar l-użu tal-IA fil-ġestjoni tal-fruntieri. Nappoġġa wkoll il-kooperazzjoni mal-Istati Membri u mal-Aġenziji tal-UE, inkluż fil-kuntest taċ-Ċentru ta' Innovazzjoni tal-UE għas-sigurtà interna, biex isir l-aħjar użu mill-ġhodod innovattivi f'konformità sħiħa mal-valuri Ewropej, kif ukoll mal-liġi primarja u sekondarja, inkluż l-Att dwar l-IA.

Beħsiebni niżviluppa l-Istrateġija l-ġdida tal-Politika dwar il-Viżi stabbilita fil-Linji Gwida Politiċi, filwaqt li naħdem mar-Rappreżentant Għoli/Viċi President u Kummissarji oħra. L-Istrateġija għandha tiffoka fuq sistema tal-viża li tippermettilna nisfruttaw bis-sħiħ il-benefiċċji tal-ivvjaġġar internazzjonali minn turisti, negozjanti u studenti, filwaqt li l-użu sħiħ tal-politika dwar il-viżi ta' ingranaġġ jista' jipprovdi biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u jiġu evitati abbużi tas-sistema tal-viża tagħna. Sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-mekkaniżmu li jgħaqqad il-viża u r-riammissjoni, l-Istrateġija għandu jkollha l-għan li tinċentiva lill-Istati Membri biex verament iħaddnu approċċ ta' Tim Ewropa u jkunu lesti li jużaw il-mekkaniżmu f'solidarjetà ma' Stati Membri oħra. Lil hinn mir-riammissjoni, il-politika dwar il-viżi tista' tintuża biex tkompli tinvolvi ruħha ma' pajjiżi terzi dwar kwistjonijiet relatati mas-sigurtà, f'kooperazzjoni mal-Europol u l-Frontex. Għandi l-għan li nistabbilixxi approċċ aktar strutturat għar-reviżjoni tal-listi tal-viża, li jirrifletti l-interessi strateġiċi tal-UE, u li jkun ibbażat fuq kriterji ċari u oġġettivi. L-istrateġija għandha tipproponi wkoll modi biex jiġu mmonitorjati aħjar il-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom jibbenefikaw minn vjaġġar mingħajr viża lejn l-UE, b'aktar monitoraġġ tar-riskji għas-sigurtà u l-migrazzjoni. Għalhekk, l-istrateġija se jkollha l-għan li tindirizza kwalunkwe żieda fl-għadd ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi mingħajr viża li japplikaw għall-ażil fl-UE. L-istrateġija se tkun appoġġata wkoll mill-bidu tal-operazzjonijiet tas-Sistema ta' Dħul u Ħruġ u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar.

Barra minn hekk, għadu l-każ li ħafna nies li jaslu b'mod irregolari fl-UE, l-ewwel ikunu waslu mingħajr viża fil-viċinat tagħna. Għalhekk, jekk niġi kkonfermat, se nipromwovi aktar l-allinjament tal-politika dwar il-viżi mal-UE mill-pajjiżi ġirien tagħna, b'mod partikolari l-kandidati għall-adeżjoni mal-UE. L-approvazzjoni rapida tal-proposta tal-Kummissjoni biex jiġi rivedut il-Mekkaniżmu ta' Sospensjoni tal-Viża hija kruċjali u se ssaħħaħ il-kapaċità tal-UE li tindirizza din il-kwistjoni. Ladarba jiġi adottat, biħsiebni nagħmel użu sħiħ mill-effett deterrenti tal-mekkaniżmu rivedut, biex jiskatta s-sospensjoni tal-eżenzjoni mill-viża, bħal nuqqas ta' allinjament tal-politika dwar il-viżi, jew l-operat ta' skemi ta' ċittadinanza b'investiment minn pajjiżi terzi eżentati mill-obbligu ta' viża, skont kif ikun xieraq. L-aċċess mingħajr viża għall-UE m'għandux jintuża minn pajjiżi terzi bħala għodda għall-promozzjoni ta' investiment individwali bi tpattija għaċ-ċittadinanza.

Naqbel bis-sħiħ mal-Parlament Ewropew li l-iskemi ta' residenza għall-investituri ("viża tad-deheb") joħolqu riskji serji fir-rigward tas-sigurtà, il-ħasil tal-flus, l-evażjoni tat-taxxa u l-korruzzjoni. Dawn l-iskemi nazzjonali għandhom implikazzjonijiet għall-Istati Membri l-oħra kollha u għall-UE kollha kemm hi, minħabba li l-permessi

ta' residenza mogħtija mill-Istat Membru tal-UE jagħtu ċerti drittijiet lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li jżommuhom, b'mod partikolari biex jiċċirkolaw liberament fiż-żona Schengen għal soġġorni qosra. Minħabba li l-ġhoti ta' permessi ta' residenza jaqqa' taħt il-kompetenza nazzjonali, il-Kummissjoni laqgħet il-passi meħuda minn xi Stati Membri lejn l-abolizzjoni jew ir-restrizzjoni ta' dawn l-iskemi ta' residenza b'investiment. Jekk niġi kkonfermat, se nkompli naħdem mal-Istati Membri u se nagħmel użu sħiħ mill-għodod tal-UE biex nindirizza skemi bħal dawn u biex nindirizza r-riskji li joħolqu.

## 5. Il-Fruntieri interni

*Iż-żona Schengen hija waħda mill-kisbiet l-aktar apprezzati tal-Unjoni. Madankollu, diversi Stati Membri introduċew mill-ġdid u żammew il-kontrolli fil-fruntieri interni mill-2015. Kif beħsiebek tiżgura li l-integrità taż-żona Schengen tiġi rrestawrata u ppreżervata? X'passi tipprevedi li tiegħu sabiex issaħħaħ il-kooperazzjoni sinċiera u l-fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri u biex tiżgura li l-Istati Membri kollha jirrispettaw bis-sħiħ l-acquis ta' Schengen? Dawk il-miżuri se jinkludu proċedimenti ta' ksur kontra l-Istati Membri li ma jirrispettawx ir-regoli tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen li ġie emendat dan l-aħħar? X'passi se tippromponi li se jwasslu għat-tneħħija tal-kontrolli fil-fruntieri interni fuq l-art mal-Bulgarija u r-Rumanija?*

Schengen hija waħda mill-aktar kisbiet tanġibbli tal-UE u l-akbar żona ta' moviment liberu fid-dinja. Hija tikkontribwixxi għall-kompetittività tas-Suq Uniku u għat-ktabbir tal-ekonomija tal-Unjoni, u hija apprezzata ħafna miċ-ċittadini u min-negozji. Fl-2023 biss, iffaċilitat l-ivvjaġġar għal aktar minn nofs biljun viżitatur. Nemmen tassew li Schengen tinkorpora l-oġġettivi ewlenin tal-Unjoni: li toffri liċ-ċittadini tagħha żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja mingħajr fruntieri interni, fuq il-bażi tal-protezzjoni qawwija tal-fruntieri esterni tagħna.

Matul l-aħħar għaxar snin, il-livelli massimi ta' migrazzjoni irregolari, it-theddid għas-sigurtà interna u l-pandemija tal-COVID-19 ippreżentaw sfidi formidabbli. Filwaqt li l-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli fil-fruntieri interni hija għodda disponibbli għall-Istati Membri bħala miżura tal-aħħar istanza, din toħloq problemi reali għaċ-ċittadini u għan-negozji li jiddependu fuq id-dritt għall-moviment liberu. Il-kooperazzjoni transfruntiera bejn il-pulizija u l-infurzar tal-liġi bejn l-Istati Membri biex jiġi miġġieled it-theddid għas-sigurtà hija fil-maġġoranza l-kbira tal-każijiet aktar effettiva mill-kontrolli fil-fruntieri interni.

Jekk niġi kkonfermat, se nkompli d-djalogu kostruttiv mal-Istati Membri dwar kif l-aħjar nindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom u niffaċilitaw u nsaħħu l-kooperazzjoni tal-pulizija u tal-infurzar tal-liġi, b'mod partikolari fiż-żoni tal-fruntiera. Dan jinkludi li jiġi żgurat li l-Istati Membri jistabbilixxu l-arranġamenti amministrattivi meħtieġa għall-applikazzjoni tal-proċedura għat-trasferiment ta' migranti irregolari introdotta bil-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen li ġie emendat reċentement. L-użu korrett u effettiv ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira biex tiġi pprovduta u skambjata informazzjoni, bħas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, l-Eurodac u s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, kif ukoll tħejjija mtejbja u ppjanar ta' kontinġenza, kif meħtieġ mill-Patt, huma kruċjali għall-bini tal-fiduċja fis-sistema, sabiex l-Istati Membri ma jqisux li jkun hemm bżonn jirrikorru għall-introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri interni.

Jien impenjat li niżgura l-implimentazzjoni u l-infurzar sħaħ u effettivi tal-acquis ta' Schengen, inklużi l-obbligi stretti ta' monitoraġġ u rappurtar fil-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen rivedut u l-ħruġ ta' opinjonijiet mill-Kummissjoni kif stabbilit fir-regoli l-ġodda. Meta l-kooperazzjoni dwar l-implimentazzjoni ma twassalx għal riżultati sodisfaċenti, inkun lest ukoll li nkompli bil-proċedimenti ta' ksur jekk ikun meħtieġ.

Filwaqt li l-Bulgarija u r-Rumanija jibqgħu jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha biex isiru membri sħaħ taż-żona Schengen – mill-2011 – il-prerogattiva u r-responsabbiltà tal-Kunsill huma li jiddeċiedi dwar l-abolizzjoni tal-kontrolli li fadal fil-fruntieri interni tal-art. Jekk il-Kunsill ma jiħux deċiżjoni qabel il-bidu tal-mandat il-ġdid, jekk niġi kkonfermat bħala Membru tal-Kummissjoni, se nkompli nagħti appoġġ sħiħ lil dan il-proċess bl-istess intensità bħall-predeċessuri tiegħi. Il-Bulgarija u r-Rumanija huma intitolati li jgawdu l-benefiċċji kollha taż-żona Schengen. U t-tneħħija tal-verifiki fil-fruntieri tal-art se tagħmel iż-żona Schengen tagħna aktar b'saħħitha u aktar sikura.



## 6. Is-Sigurtà

*Skont l-ittra ta' missjoni tiegħek, wieħed mill-aktar kompiti urġenti tiegħek se jkun li tfassal Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Interna ġdida, li għandha tinkludi t-tisħiħ tal-mandat u tar-riżorsi tal-Europol. X'miżuri tippromponi biex tiġġieled b'mod effettiv il-kriminalità serja u organizzata, it-terroriżmu u ċ-ċiberkriminalità? X'inizjattivi leġiżlattivi tikkunsidra f'dan il-qasam? Kif qed tippjana li tagħmel lill-Europol "aġenzija tal-pulizija verament operazzjonali", filwaqt li tiżgura li ma tikkoinċidix mal-kompetenzi nazzjonali u ma' dawk ta' Aġenziji oħra tal-UE, u li l-Parlament ikollu sorveljanza effettiva? Xi rwol tipprevedi għall-Eurojust f'dan il-kuntest? Għandna nistennew ukoll proposti leġiżlattivi biex l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġijiet u dawk ġudizzjarji jkunu jistgħu jikkooperaw aħjar bejn il-fruntieri fil-ġlieda kontra n-networks kriminali? X'qed tippjana li tinkludi fl-Aġenda l-ġdida Kontra t-Terroriżmu u kif qed tippjana li tindirizza r-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu vjolenti?*

*Bħala l-Kummissarju responsabbli għal Ewropa aktar sikura, kif tħares lejn ir-rwol tiegħek fl-iżgurar tal-implimentazzjoni effettiva tal-istrateġiji tal-UE u l-aġġornament tagħhom sabiex jiġġieldu l-antisemitizzmu u l-mibegħda kontra l-Musulmani u jrawmu l-integrazzjoni? Kif se tikkoopera mal-Kummissarju għall-Ugwaljanza f'dan il-qasam?*

It-tisħiħ tal-qafas tas-sigurtà interna tal-UE, is-salvagwardja tas-sigurtà tan-nies li jgħixu fl-UE u l-koeżjoni soċjetali tagħna se jkunu waħda mill-prijoritajiet ewlenin tiegħi jekk niġi kkonfermat. Is-soċjetajiet tagħna jridu jsiru aktar konxji tat-theddid li qed niffaċċjaw u mħejjija aħjar biex jindirizzawhom. Prijorità bikrija tiegħi se tkun li nippreżenta Strateġija ta' Sigurtà Interna Ewropea ġdida. Din tħares lejn it-theddid kollu, online u offline. Se jkollha l-għan li tiżgura li l-leġiżlazzjoni u l-inizjattivi l-ġodda kollha tal-UE jitfasslu b'kunsiderazzjonijiet ta' sigurtà mill-bidu nett, u jgħinuna nkunu ppreparati għal theddid li qed jevolvi, li jirriżulta kemm minn ġewwa kif ukoll minn barra l-UE. Peress li l-iżviluppi globali jaffettwaw is-sigurtà tal-UE, is-sigurtà interna trid issir parti integrali mir-relazzjonijiet tal-UE ma' pajjiżi terzi.

Il-ġlieda effettiva kontra l-kriminalità organizzata se tkun ħidma ewlenija tal-Istrateġija Ewropea għas-Sigurtà Interna. Il-kriminalità organizzata hija theddida mhux biss għall-ħajja u s-sigurtà tan-nies, iżda wkoll għad-demokrazija, għas-soċjetà u għall-iżvilupp ekonomiku tagħna. Jekk niġi kkonfermat, beħsiebni nipproponi reviżjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE f'dan il-qasam, li tmur lura għall-2008. Minn dak iż-żmien 'l hawn, il-gruppi tal-kriminalità organizzata saru dejjem aktar b'saħħithom, polikriminali u multinazzjonali. L-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji jridu jkunu mgħammra b'għodod legali li jippermettulhom iżarmaw networks kriminali ta' riskju għoli, b'mod partikolari billi jiffaċilitaw investigazzjonijiet aktar effettivi. Biex inżarmaw in-networks kriminali ta' riskju għoli, beħsiebni nipproponi li nsaħħaħ il-kooperazzjoni transfruntiera u l-investigazzjonijiet finanzjarji, u nippromwovi implimentazzjoni rapida tad-Direttiva dwar il-Konfiska u l-Irkupru tal-Assi. Waħda mill-aktar attivitajiet perikolużi tal-kriminalità organizzata hija t-traffikar tal-bnedmin: se nkun lest li nsaħħaħ l-Istrateġija tal-UE għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin wara l-2025.

It-traffikar tad-drogi huwa l-qasam tal-kriminalità l-aktar profittabbli għall-gruppi tal-kriminalità organizzata. Beħsiebni nipproponi pjan ta' azzjoni Ewropew ġdid kontra t-traffikar tad-droga, li jibni fuq ir-riżultati tal-evalwazzjoni tal-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni attwali. Filwaqt li nibni fuq l-Alleanza Ewropea għall-Portijiet, se naħdem mal-Kummissarju għat-Trasport Sostenibbli u t-Turiżmu biex niżviluppa Strateġija komprensiva tal-UE għall-Portijiet b'enfasi qawwija fuq is-sigurtà u l-protezzjoni tal-portijiet kontra l-infiltrazzjoni kriminali. F'dan il-kuntest, se naħdem ukoll mill-qrib mal-Kummissarju għad-Demokrazija, l-Istat tad-Dritt u l-Ġustizzja biex insaħħu l-ġlieda tagħna kontra l-korruzzjoni, li hija faċilitatur sinifikanti tal-kriminalità organizzata, u b'mod partikolari t-traffikar tad-droga. Nappoġġa lill-Aġenzija Ewropea dwar id-Drogi sabiex din toperazzjonalizza bis-sħiħ il-mandat il-ġdid tagħha biex tirrispondi malajr għal theddid emerġenti u tippromponi miżuri biex tiġi miġġielda ż-żieda fil-produzzjoni ta' drogi sintetiċi fl-UE. Jekk niġi kkonfermat, beħsiebni wkoll neżamina jekk ir-regoli tagħna dwar it-traffikar illeċitu tad-drogi għadhomx adatti għall-iskop tagħhom, u naħdem ma' membri oħra tal-Kulleġġ biex nivvaluta l-ħtieġa li tiġi aġġornata l-leġiżlazzjoni biex tiġi indirizzata ż-żieda fil-prekursuri tad-droga disinjaturi.

Minħabba n-natura globali u transfruntiera tagħha, il-ġlieda kontra l-kriminalità transnazzjonali serja u organizzata se tirrikjedi t-tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali tal-UE ma' pajjiżi terzi ewlenin permezz ta' djalogi dwar is-sigurtà, ftehimiet internazzjonali, u kooperazzjoni operazzjonali fl-infurzar tal-liġi, u jekk niġi kkonfermat se nagħti sehmi f'dan.

Jekk niġi kkonfermat, beħsiebni wkoll nipproponi Aġenda ġdida għall-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra t-Terroriżmu u l-Estremiżmu Vjolenti. Enfasi partikolari tal-Aġenda l-ġdida għandha tkun l-azzjonijiet għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-attakki mwettqa minn individwi li jaġixxu b'mod indipendenti jew f'ċelloli żgħar, spiss bi tħejjija limitata u bl-użu ta' armi faċilment aċċessibbli biex jimmiraw spazji b'popolazzjoni densa jew simboliċi hafla.

Peress li dawn l-aggressuri waħedhom spiss jiġu radikalizzati permezz ta' propaganda online, l-indirizzar tad-dimensjoni online tar-radikalizzazzjoni għandha tkun komponent ewlieni tal-Aġenda l-ġdida. Peress li jeħtieġ li nirrestrinġu l-aċċess għall-għodod użati fl-attakki, beħsiebni nivvaluta l-ħtieġa għal leġiżlazzjoni ġdida li tarmonizza r-reati kriminali fil-qasam tat-traffikar tal-armi tan-nar u nirrieżamina r-regoli dwar il-prekursuri tal-isplussivi, li jistgħu jintużaw ħażin biex jinbnew splussivi magħmulin id-dar. Peress li jseħħu ħafna attakki terroristiċi fi spazji pubbliċi, bħal ċentri tat-trasport, postijiet ta' qima jew żoni pedonali, nappoġġa wkoll l-aġġornament tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-protezzjoni tal-ispacej pubbliċi b'inizjattivi ġodda għall-kooperazzjoni pubblika-privata, inkluż dwar teknoloġiji ġodda u taġħmir ta' detezzjoni. Biex jiġi miġġieled il-finanzjament tat-terroriżmu, nixtieq nesplora l-ħolqien ta' Sistema Ewropea ta' Rilanċ tad-Data Finanzjarja Kontra t-Terroriżmu biex tgħin lill-awtoritajiet nazżjonali jidentifikaw u jitraċċaw il-movimenti finanzjarji ta' networks terroristiċi.

Biex tiġi evitata r-radikalizzazzjoni, speċjalment online, se naħdem biex niżgura li r-Regolament dwar il-Kontenut Terroristiku Online jiġi applikat bis-sħiħ u nivvaluta jekk jeħtieġx li jissaħħaħ. Se nikkunsidra wkoll li nsaħħaħ ir-rwol tal-Europol biex issir ċentru tal-ġlieda kontra t-terroriżmu fil-ġlieda kontra t-tixrid ta' kontenut terroristiku u estremist vjolenti online, l-użu ħażin ta' teknoloġiji ġodda mit-terroristi, u l-iffaċilitar tal-iskambju ta' informazzjoni bejn l-atturi tas-sigurtà. B'mod parallel, il-Forum tal-UE dwar l-Internet għandu jkompli jkollu rwol vitali fil-kollaborazzjoni mal-industrija tat-teknoloġija biex jiġi indirizzat il-kontenut terroristiku online, u ċ-Ċentru tal-Għarfien tal-UE dwar ir-Radikalizzazzjoni għandu jiggwida l-isforzi ta' prevenzjoni taġħna.

Il-kriminalità ffaċilitata miċ-ċibernetika, inklużi l-iscams online, is-sesstorsjoni, ir-ransomware, u l-frodi tal-identità, hija mistennija li ssir it-tielet "l-akbar ekonomija" fid-dinja sal-2025. Jekk tiġi approvata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU, il-Konvenzjoni l-ġdida tan-NU dwar iċ-Ċiberkriminalità se ttejjeb sostanzjalment il-kooperazzjoni internazzjonali f'dan il-qasam, filwaqt li tipproteġi d-drittijiet fundamentali. Se naħdem mill-qrib mal-Viċi President Eżekuttiv għas-Sovranità, is-Sigurtà u d-Demokrazija tat-Teknoloġija u l-Kummissarju għad-Demokrazija, il-Ġustizzja u l-Istat tad-Dritt biex tinkiseb il-firma, ir-ratifika u l-implimentazzjoni ta' din il-Konvenzjoni. Se niffoka wkoll fuq l-implimentazzjoni ta' ftehimiet internazzjonali eżistenti u futuri li huma essenzjali biex jiġi ffaċilitat l-aċċess transfruntier mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għall-evidenza elettronika miżmuma mill-kumpaniji, b'mod partikolari l-ftehim bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar l-aċċess għall-evidenza elettronika li qed jiġi nnegożjat bħalissa. Peress li huwa importanti ħafna wkoll li l-evidenza ta' reati li titħalla online tista' tintuża biex il-kriminali jitressqu quddiem il-ġustizzja, jekk niġi kkonfermat, nimpenja ruħi li nwettaq il-kompitu li naġġorna l-għodod tal-infurzar tal-liġi għall-aċċess għall-informazzjoni diġitali, inkluż li neżamina r-regoli dwar iż-żamma tad-data, b'osservanza sħiħa tad-drittijiet fundamentali. L-Europol għandha wkoll tkompli tappoġġa lill-Istati Membri b'assistenza forensika, operazzjonali u analitika.

L-Europol għandha rwol kruċjali fl-appoġġ lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata u t-terroriżmu. Jekk niġi kkonfermat, beħsiebni naħdem biex nagħmluha aġenzija tal-pulizija verament operattiva, bil-għan li maż-żmien ikun hemm aktar mid-doppju tal-persunal taġħha. Hemm bżonn li l-Europol tissodisfa l-ħtiġijiet operazzjonali tal-Istati Membri u li taħdem f'koordinazzjoni u f'komplementarjetà aktar mill-qrib mal-Aġenziji l-oħra tal-UE. Filwaqt li nibnu fuq l-evalwazzjoni tar-Regolament attwali, valutazzjoni tal-impatt fil-fond u konsultazzjoni wiesa' mal-partijiet ikkonċernati, il-Parlament Ewropew u l-Istati Membri, nipproponi li nsaħħaħ il-mandat tal-Europol, b'mod partikolari r-rwol tiegħu fl-investigazzjoni ta' reati transfruntiera, fuq skala kbira u kumplessi li huma ta' theddida għas-sigurtà tal-Unjoni. Se naħdem mill-qrib mal-Kummissarju għad-Demokrazija, il-Ġustizzja u l-Istat tad-Dritt biex niżgura kooperazzjoni effettiva bejn l-Europol u l-Eurojust, fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata inkluż billi niżgura li l-Eurojust tkun f'pożizzjoni li tiżgura s-segwitu ġudizzjarju għall-investigazzjonijiet fil-livell tal-infurzar tal-liġi appoġġati mill-Europol.

Jekk niġi kkonfermat, se nqis ukoll jekk il-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT) tistax tiġi estiża u msaħħa biex issaħħaħ il-kooperazzjoni operazzjonali konġunta tal-infurzar tal-liġi kontra theddid ta' kriminalità ta' prijorità mill-Istati Membri tal-UE, l-Aġenziji taġħna u sħab esterni mill-qrib. F'konformità mal-Linji Gwida Poliċi, nipproponi wkoll li tiġi stabbilita Sistema ta' Komunikazzjoni Kritika tal-UE li għandha tintuża mill-awtoritajiet kollha tal-infurzar tal-liġi u tar-rispons ta' emerġenza inkarigati mis-sigurtà u s-sikurezza.

Nilqa' l-fatt li ninsab fdat bil-kompitu tal-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u l-mibegħda anti-Musulmana. L-UE trid tkun post sikur u mingħajr periklu għal kulħadd, inklużi l-komunitajiet Lhud u Musulmani, ħielsa mid-diskriminazzjoni, il-mibegħda, il-vjolenza u t-tħassib dwar is-sigurtà - speċjalment fil-kuntest ġeopolitiku attwali. Fir-rigward tal-antisemitiżmu, jekk niġi kkonfermat se nħaffef l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u s-sostenn tal-ħajja Lhudija, inkompli nivvaluta l-ħtiġijiet u t-theddid, u, jekk meħtieġ naġġorna dik l-Istrateġija tal-UE. Fir-rigward tal-mibegħda anti-Musulmana, inqis li nsewgi approċċ aktar

strateġiku, biex nifhem bis-sħiħ il-firxa tal-mibegħda anti-Musulmana, fuq il-bażi ta' titjib fil-ġbir tad-*data*, u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissarju għall-Preparatezza, il-Ġestjoni tal-Kriżijiet u l-Ugwaljanza. Nilqa' wkoll l-opportunità li nkompli nrawwem id-djalogu tal-Kummissjoni mal-knejjes u l-assoċjazzjonijiet jew il-komunitajiet reliġjużi, u ma' organizzazzjonijiet filosofiċi u mhux konfessjonali.

Impenjat li nesplora u nappoġġa perkors biex tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-polarizzazzjoni fis-soċjetà, inkluż fid-dawl tar-rakkomandazzjonijiet ippreżentati mill-Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar l-Indirizzar tal-Mibegħda fis-Soċjetà biex jindirizzaw id-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda. Kwalunkwe forma ta' mibegħda tnissel l-estremiżmu. Ninsab impenjat ukoll li nipromwovi approċċ ikkoordinat madwar l-Istati Membri, filwaqt li naħdem mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali u lokali, l-industrija tat-teknoloġija, is-soċjetà ċivili, biex tinbena r-reżiljenza u jiġi evitat li jsiru ideoloġiji estremisti. Iċ-Ċentru tal-Għarfien tal-UE dwar il-Prevenzjoni tar-Radikalizzazzjoni se jkun il-pedament tal-isforzi tagħna f'dan il-qasam.

## 7. Aċċess għad-*data* għal skopijiet ta' infurzar tal-liġijiet

*Kif tippromwovi li tiġi indirizzata l-isfida ewlenija li jiġi żgurat aċċess effettiv għad-*data* personali sabiex ir-reati kriminali jiġu evitati, identifikati, investigati u ssirilhom prosekuzzjoni, filwaqt li fl-istess ħin jiġu rrispettati l-prinċipji tan-neċessità u tal-proporzjonalità u jiġu rrispettati d-drittijiet tal-privatezza u tal-protezzjoni tad-*data*? Liema salvagwardji tippredvi sabiex tiżgura konformità sħiħa mad-deċżjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja dwar iż-żamma tad-*data* u l-aċċess għad-*data* għal skopijiet ta' infurzar tal-liġijiet? Se tindirizza wkoll il-kriptaġġ meta tippromwovi regoli dwar l-aċċess?*

*Kif qed tippjana li tiblokka l-proposta dwar l-Abbuż Sesswali tat-Tfal Online biex tiżgura li l-għan ewleni tagħha li ttiproteġi lit-tfal jiġi ssodisfat u li jiġi indirizzata it-tħassib dwar is-salvagwardja tad-dritt għall-privatezza? Jekk ma jkunx hemm Regolament dwar dan il-fajl qabel ma tiskadi t-tieni estensjoni tar-Regolament Interim, mistennija fit-3 ta' April 2026, kif se tippromwovi li ttipproċedi biex tevita l-lakuna leġislattiva?*

Jekk niġi kkonfermat, ninsab impenjat li nsib approċċ ibbilanċjat u legalment sod biex jiġi żgurat aċċess effettiv għad-*data* għall-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura, filwaqt li nosserva l-privatezza u l-protezzjoni tad-*data*, kif ukoll ir-rekwiżiti taċ-ċibersigurtà u filwaqt li jitqiesu l-aspetti teknoloġiċi. Jeħtieġ li l-UE tibni ekonomija diġitali b'saħħitha li turi liċ-ċittadini li se twassal għall-prosperità, se tippreserva s-sigurtà, u se ttiproteġi d-drittijiet fundamentali. Fl-istess ħin, hekk kif is-soċjetà u l-ekonomija qed isiru diġitali, l-istess qed jagħmlu l-kriminali, it-terroristi u atturi oħra ta' theddid, sabiex iwettqu attivitajiet kriminali u jevadu l-infurzar tal-liġi. Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet kompetenti jkunu mgħammra b'kapaċitajiet moderni u innovattivi biex jiġġieldu l-kriminalità, il-fatt li l-infurzar tal-liġi jkun jista' jkollu aċċess proporzjonat għad-*data* huwa kruċjali biex wieħed ikun jista' jorbot ir-reati mal-awturi, iwettaq l-investigazzjonijiet, jiproteġi lill-vittmi u jżarma n-networks kriminali. Madankollu, illum, l-ostakli legali u tekniċi, flimkien man-nuqqas ta' liġijiet armonizzati dwar iż-żamma tad-*data* fl-Istati Membri kollha, ixekklu l-investigazzjonijiet nazzjonali u jikkumplikaw il-kooperazzjoni transfruntiera. Minkejja dawn l-isfidi, ninsab konvint li nistgħu nsibu soluzzjonijiet effiċjenti u validi għall-futur biex niffaċilitaw l-aċċess legali għall-informazzjoni diġitali. Dan huwa essenzjali biex niproteġu liċ-ċittadini tagħna u nħarsu l-istat tad-dritt, b'osservanza sħiħa tal-prinċipji tan-neċessità u tal-proporzjonalità.

Fl-istess ħin, irridu nevitaw li ninroduċu vulnerabbiltajiet ġodda li jistgħu jiġu sfruttati minn atturi malizzjużi jew li niddubitaw il-vantaġġi tal-kriptaġġ. Jeħtieġ li nilħqu bilanċ li jippermettilna nissalvagwardjaw il-privatezza, filwaqt li nipprovdu s-sigurtà u niżguraw li ċ-ċittadini tagħna u s-soċjetajiet tagħna jkunu protetti kontra theddid li qed jevolvi. Il-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-aċċess għad-*data* għall-infurzar tal-liġi stabbilixxa l-ħtiġijiet operazzjonali tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji, u r-rakkomandazzjonijiet jinkludu firxa ta' miżuri differenti, bħat-tisħiħ tal-kapaċitajiet, il-kooperazzjoni mal-industrija, l-istandardizzazzjoni u l-leġislazzjoni. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet għandhom iservu bħala kontribut siewi għall-ħidma f'dan il-qasam, li teħtieġ valutazzjoni tal-impatt fil-fond.

Il-kriminalità u n-nuqqas ta' sigurtà għandhom effett li joħnoq lis-soċjetà, u jekk ma jiġux indirizzati b'mod xieraq, huma jostakolaw lin-nies fl-eżerċitar tal-libertajiet tagħhom, fil-libertà tal-ħsieb jew fil-faċilità li jimxu fit-toroq u jħossuhom komdi. It-theddid jista' jkun ukoll aktar dirett, mhux biss offline iżda wkoll online. It-tfal jinsabu f'riskju speċjali, u jeħtieġ li nagħmlu aktar biex niproteġuhom minn diversi riskji li jvarjaw mill-bullying ċibernetiku għas-sessstorsjoni, minn dipendenzi online sar-radikalizzazzjoni. Ninsab konvint dwar il-ħtieġa u l-urġenza li jiġi adottat ir-Regolament propost għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online. Fl-2010, kien hemm madwar miljun rapport ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal u ta' grooming online. Sal-2023, kien hemm aktar minn 36 miljun rapport. Ir-Regolament "interim" eżistenti, li jippermetti l-identifikazzjoni volontarja tal-abbuż sesswali tat-tfal mill-fornituri ta' ċerti pjattaformi online, se jiskadi f'April 2026. Mingħajr ir-regoli fit-tul proposti, tali forma ta' detezzjoni li għenet biex jiġu salvati t-tfal u jiġu identifikati t-trasgressuri għal

aktar minn 10 snin, se tiġi pprojbita fl-UE. Nemmen li nistgħu u għandna nsibu mod vijabbli biex niffinalizzaw in-negożjati dwar ir-Regolament pendenti sabiex dan jidħol fis-seħħ fil-ħin qabel ma jiskadi r-Regolament interim.

Jekk niġi kkonfermat, nimpenja ruħi li naħdem ukoll biex niffinalizza n-negożjati dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal. Id-Direttiva tikkomplementa r-Regolament u tipprovdi standard komuni għall-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet kriminali, filwaqt li tarmonizza d-definizzjonijiet ta' reati u s-sanzjonijiet. Hija parti essenzjali mill-bilanċ li s-soċjetà tagħna titlob mid-dinja diġitali.

### Mistoqsija mill-Kumitat għall-Iżvilupp

*8. Fid-dawl ta' ħidmietek dwar l-aspetti esterni tal-migrazzjoni u l-mobbiltà, u peress li r-Regolament NDICI-Ewropa Globali jindika li 10 % tal-finanzjament tiegħu se jiġi allokat biex jiġu indirizzati l-migrazzjoni u l-ispjazzament furzat, kif se twettaq b'mod konkret l-inkarigu fl-ittra ta' missjoni tiegħek biex "il-kwistjonijiet tal-migrazzjoni jsiru parti operazzjonali mis-sħubijiet", b'mod aktar speċifiku mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u kif se tirrifletti l-prinċipju tal-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp f'din il-ħidma? Tista' timpenja ruħek li tiżgura informazzjoni komprensiva u bikrija lill-Parlament biex tippermetti skrutinju xieraq tal-ftehimiet relatati mal-migrazzjoni mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, inkluża t-trasparenza dwar arranġamenti informali dwar il-migrazzjoni bħall-Memoranda ta' Qbil? Kif tipprevedi l-kooperazzjoni u d-diviżjoni tal-ħidma dwar l-aspetti esterni tal-migrazzjoni ma' Kummissarji oħra?*

Il-bini ta' sħubijiet komprensivi u ta' benefiċċju reċiproku ma' pajjiżi terzi huwa element importanti tal-approċċ komprensiv tagħna għal ġestjoni effettiva u ġusta tal-migrazzjoni. Jekk niġi kkonfermat, beħsiebni naħdem mill-qrib mal-Kummissarji li jaħdmu fuq ir-relazzjonijiet esterni, biex niżgura li l-politika tal-migrazzjoni tkun parti minn approċċ usa' u komprensiv. Dan ifisser li hemm bżonn li nifhemu l-interessi u t-tħassib tas-sħab tagħna, u nqiegħdu l-interessi tal-UE bħall-ġestjoni tal-migrazzjoni ma' interessi kondiviżi oħra f'oqsma oħra bħall-kummerċ jew l-enerġija bħala parti minn sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku. Il-kooperazzjoni f'oqsma bħal dawn issaħħaħ il-vuċi tagħna f'dak li għandu x'jaqsam ma' kwistjonijiet ta' migrazzjoni. L-istess jgħodd għall-finanzjament biex jiġi appoġġat il-bini tal-kapaċità fil-ġestjoni u l-prevenzjoni tal-migrazzjoni irregolari, kif ukoll l-indirizzar tal-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari. L-investimenti tal-Global Gateway tal-UE jiffukaw fuq l-iżvilupp ekonomiku, l-edukazzjoni, il-ħolqien tal-impjiegi, il-kura tas-saħħa, l-oqsma diġitali, klimatiċi u tat-trasport. Dan se jgħin il-prosperità u l-bażi tal-ħiliet tas-sħab tagħna. L-iżvilupp ta' rotot sikuri u legali, u l-promozzjoni tal-użu tagħhom, se jgħinu biex jiġu evitati vjaġġi perikolużi u irregolari. Se naħdem ma' Kummissarji oħra biex nippromwovi Sħubijiet ta' Talent li jistgħu jistrutturaw il-kooperazzjoni dwar il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol, bil-għan li tingħata spinta lill-kompetittività tal-UE u jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema f'setturi u okkupazzjonijiet magħżula, filwaqt li nippromwovi wkoll l-iżvilupp tal-ħiliet u t-tkabbir ekonomiku fil-pajjiżi ta' oriġini tal-migranti.

Fatt inerenti għal dan l-approċċ huwa li Kummissarji differenti se jikkooperaw mill-qrib fil-bini ta' sħubijiet. Se naħdem mill-qrib mar-Rappreżentant Għoli / mal-Viċi President, mal-Kummissarju għas-Sħubijiet Internazzjonali u mal-Kummissarju għall-Mediterran biex inlaqqa' flimkien il-politiki interni u esterni u niżgura l-koerenza ġenerali tal-isforzi tal-UE, inkluż fil-kuntest tal-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp. Dan se jippermettilna niżguraw li l-ġestjoni tal-migrazzjoni tkun integrata bis-sħiħ fi sħubijiet ma' pajjiżi i qed jiżviluppaw, speċjalment pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu, filwaqt li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali u l-obbligi legali internazzjonali. Ma għandniex ninjoraw il-fatt li ħafna pajjiżi terzi jospitaw popolazzjonijiet kbar ta' refuġjati: l-Ewropa għandha tradizzjoni kburi li tgħin lill-pajjiżi u lill-komunitajiet fil-kompitu li jospitawhom.

Kif spjegat hawn fuq, niżgura li l-Parlament jibqa' infurmat tajjeb dwar l-arranġamenti ma' pajjiżi terzi fil-qasam tal-migrazzjoni. Nibqa' impenjat bis-sħiħ li nipprovdi l-informazzjoni meħtieġa dwar kwalunkwe arranġament bħal dan u li ninvolvi ruħi magħkom dwar l-inizjattivi tagħna.